MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 922/2002

**Saviour Bartolo.**

**-vs-**

**Charles Bartolo.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-9 ta’ Gunju, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur meta fis-17 t’April, 2001 huwa kien ghall-kacca, huwa incidentalment safa milqut minn kaccatur iehor u cioe’ mill-konvenut.

U minhabba tali incident l-attur qieghed isofri minn disabilita’ permanenti hekk kif iccertifika l-konsulent mediku Mr. Thomas

Fenech skond ir-rapport mediku hawn anness u immarkat bhala Dokument “SB1”.

U illi l-imsemmi incident sehh unikament tort tal-konvenut u dana minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut.

U illi ghalkemm il-konvenut giet debitament interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta’ danni mill-attur, il-konvenut baqa’ inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament risponsabbli ghall-incident li sehh nhar is-17 t’April, 2001 fejn wegggha l-attur u dana minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata lill-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut minn issa ingunt in subizzjoni.

Salv kull azzjoni spettanti lill-attur kontra s-socjeta’ assikurattiva tieghu a bazi tal-polza tal-assikurazzjoni tieghu (personal accident insurance).

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenutipprezentata fil-11 ta’ Novembru, 2002 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti ma kellux htija jew responsabbilita’ ghall-

incident illi fih l-attur allegatament soffra xi dizabilita' permanenti, u dan kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi jsegwi ghalhekk illi ma hemm l-ebda danni x'jigu likwidati favur l-attur, fil-konfront ta' l-eccipjenti.

3. Illi jsegwi wkoll illi l-eccipjenti ma ghandux jigi kkundannat jhallas l-ebda danni lill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali kompriz ir-rapport mediku tat-tabib Louis Cassar White.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat.

Illi l-Qorti l-ewwel trid tiddeciedi dwar ir-responsabbilita' ta' l-incident li fih wegga l-attur, izda din m'hijiex partikolarment difficli ghaliex hu car li l-incident ikkawzah il-konvenut li certament mhux dolozament izda b'nuqqas ta' attenzjoni spara b'mod li kkawza d-dannu lill-attur f'ghajnejh. Kif sewwa rrimarka l-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, huwa bizzejjed illi jkun hemm nuqqas ta' attenzjoni li wiehed jistenna minn *bonus pater familias* biex jigu akkordati danni a bazi ta' l-azzjoni akwiljana.

Illi l-kwistjoni ghalhekk li trid tigi deciza f'din il-kawza hija l-ammont ta' danni li ghandhom jigu akkordati lill-attur *in segwitu* ghall-incident imsemmi.

In effetti r-rapport mediku ta’ l-espert inkarigat mill-Qorti jindika li l-attur sofra disabilita’ permanenti ta’ ghoxrin fil-mija (20%) u dan anke jaqbel mar-rapport *ex parte.* Ghalhekk barra d-danni reali (li jammontaw ghal tlieta u tmenin Lira Maltin {Lm83} skond id-dokumenti li gew esebiti a fol 50 tal-process), il-Qorti trid tiddeciedi anke l-ammont dovut bhala *lucrum cessans.*

L-attur kellu tlieta u erbghin (43) sena meta gara l-incident u kien disokkupat, kif jidher li ghadu sal-lum. Ghalhekk il-Qorti ser tahdem is-*solita* somma kif adottata fil-kawza Butler vs Heard u f’diversi kawzi li gew decizi warajha, fuq ghoxrin fil-mija (20%) tas-somma ta’ elfejn Lira Maltin (Lm2,000) (ftit jew wisq il-paga minima) ghall-perjodu ta’ hmistax il-sena, li jammonta ghal sitt elef Lira Maltin (Lm6,000). L-attur issottometta li ma ghandux isir tnaqqis ghal hlas f’daqqa. Il-Qorti f’din il-materja ghandha diskrezzjoni skond kemm tkun damet il-kawza u billi din il-kawza ilha ftit iktar minn tlett snin pendenti u l-incident gara fl-2001, ser tnaqqas ghaxra fil-mija minnflok ghoxrin – ghalhekk l-ammont pagabbli lill-attur ikun hamest elef u hames mija Liri Maltin (Lm5,500) *oltre* tlieta u tmenin Lira Maltin (Lm83) danni reali – b’ kollox hamest elef, hames mija u tlieta u tmenin Liri Maltin (Lm5,583).

**Ghaldaqstant il-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur, tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident tas-17 ta’ April, 2001; tillikwida d-danni sofferti mill-attur ghall-ammont ta’ hamest elef, hames mija u tlieta u tmenin Liri Maltin (Lm5,583) u tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-attur; l-ispejjes ghandhom kollha jigu mhallsa mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------